Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:*** *2200 3307*
***E:*** *svetlana-rose.curmi@gov.mt*

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Il-MEUSAC jiddiskuti l-Esklużjoni Soċjali u l-Ġlieda kontra l-Faqar

L-esklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar kienu t-temi ewlenin fuq l-aġenda tal-*Core Group* illum. Saret preżentazzjoni tal-**Programm Nazzjonali dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali** minn uffiċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, fosthom minn Dott Noel Calleja, *Project Administrator* tas-Sena Ewropea 2010, li elenka l-attivitajiet li l-Korp għall-Implimentazzjoni Nazzjonali se jkun qed jorganizza biex iqajjem kuxjenza dwar l-esklużjoni soċjali u l-faqar

F'Malta s-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali ġiet imnedija nhar l-Erbgħa 3 ta' Frar. L-għan ta' din is-sena hu li:

- iżżid il-kuxjenza fuq il-kawżi u l-konsegwenzi tal-faqar fl-Ewropa;
- tqanqal lill-gvernijiet, l-imsieħba soċjali u l-pubbliku ġenerali fil-ġlieda kontra l-faqar;
- tippromwovi l-integrazzjoni soċjali u l-inklużjoni; u
- tfassal dokumenti ta' politika ċara għall-UE li bihom tkun tista' tiġġieled kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Dott. Marisa Scerri, Direttur (*Programme Implementation*) spjegat li l-kampanja pubblika se tkun indirizzata kemm għal gruppi vulnerabbli fis-soċjetà kif ukoll għal min ma jgħix fil-faqar iżda jista' jkun ta' għajnuna għal min qed jgħix fil-faqar. Saħqet dwar il-punt li għandu jkun imfassal dokument ta' politika dwar azzjonijiet konkreti għas-snin li ġejjin.

Il-punti li tqajjmu mill-membri tal-*Core Group* kienu jinkludu:

- liema se jkunu l-kriterji li fuqhom se jitkejjel is-suċċess tal-kampanja u jekk intlaħqux l-għanijiet għal din is-sena;
- li filwaqt li tinħoloq kuxjenza dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali għandna wkoll naraw li naslu tassew għand minn hu meqjus bħala "eskluż";
- li l-partijiet kollha interesati (*potential stakeholders*) għandhom ikunu nvoluti kemm waqt din is-sena kif ukoll wara li jintemmu l-attivitajiet;

Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:** 2200 3307*
***E:** svetlana-rose.curmi@gov.mt*

- li nifhmu l-isfida tal-ġlieda kontra l-faqar u l-eskluzjoni soċjali biex inkunu nistgħu nagħtu ħiliet ġodda lil persuni li jkunu qed jgħixu f'dawn iċ-ċirkustanzi;
- li ma nirreklamawx biss il-problema imma ngħidu wkoll x'jista jsir biex din il-problema tkun iffaċjata;
- li jkun hemm iktar aċċess għall-mediċina innovattiva fis-suq biex ir-riżultat tal-kura jkun aktar effettiv u għalhekk jippermetti lil min ikun marid jerġa' jirritorna lura fid-dinja tax-xogħol; u
- li jiġu ndirizzati forom ġodda ta' faqar, fosthom persuni separati jew dawk li l-livell tad-dħul tagħhom naqas wara r-reċessjoni.

Waqt l-istess laqgħa giet ippreżentata u diskussa il-**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Proposta għar-Rapport Konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2010**. Is-Sur George Sultana, Direttur (*Policy Development* u Affarijiet tal-UE), fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja qal li r-Rapport Konġunt jiffoka fuq l-inklużjoni soċjali, il-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa. Il-kriżi ekonomika aċċentwat il-problemi ta' faqar u għalhekk l-għan tar-Rapport hu li jgħin lill-UE toħroġ b'soluzzjonijiet konkreti li jmorru lil hinn mis-soluzzjonijiet li ftit ftit qed jgħinuha toħroġ mir-reċessjoni. Ir-Rapport jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar parteċipazzjoni fil-qasam tax-xogħol permezz ta' inklużjoni ikbar kif ukoll jitkellem dwar iktar effiċjenza fil-qasam tas-saħħa. Is-Sur Sultana qal li huwa kkalkulat li minħabba l-kriżi ekonomika r-rata ta' dawk bla xogħol se tkompli tiżdied. Din se tħalli impatt negattiv fuq is-sistema tal-benefiċċji socjali fil-pajjiżi membri tal-UE; għalhekk, permezz ta' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea qed tixpruna għal tkabbir aktar sostenibbli. Is-Sur Sultana tenna li Malta taqbel mar-Rapport Konġunt u mal-bżonn li jkunu addottati soluzzjonijiet fit-tul. Huwa qal li l-glieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, għandha tkun fuqnett tal-aġenda tal-Gvern.

Fost ir-reazzjonijet mill-membri għar-Rapport Kunġunt kien hemm:

- il-bżonn li jkun hemm pjan ta' azzjoni biex tkun iffaċċjata l-problema tal-illiteriżmu f'pajjiżna;
- il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet jew jiddaħħlu miżuri (bħal *family-friendly measures*) li jgħinu lil persuni li jixtiequ jaħdmu jidħlu fis-suq tax-xogħol, fosthom nisa li jkollhom tfal żgħar;
- li jinstab bilanċ bejn il-kundizzjonijiet li jingħataw lin-nisa biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol u min iħaddem;
- in-nuqqas ta' *family-friendly measures* fis-settur privat;

Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:*** *2200 3307*
***E:*** *svetlana-rose.curmi@gov.mt*

---

- il-bżonn li jkun diskuss x'se jiġri wara li l-UE toħroġ mill-kriżi ekonomika, speċjalment kif se tikkompeti ma' ekonomiji emerġenti;
- il-bżonn li tkun żgurata l-kompettività;
- iktar investiment fis-settur tas-saħħa, mhux biss fil-ħaddiema imma wkoll fit-teknoloġija li tintuża;
- is-sostenibilità tas-sistema tal-pensjonijiet;
- il-ħtieġa li jingħataw ħiliet bażiċi liż-żgħażagħ biex ikunu jistgħu jsibu impjieg; kif ukoll
- investiment iktar f'ħiliet ġodda għal xogħolijiet ġodda.

Preżenti għal-laqgħa tal-*Core Group*, ippreseduta minn Dott. Chris Said, Segretarju Parlamentari għal Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, kien hemm Dott. Vanni Xuereb (Kap tal-MEUSAC), Dott. Godwin Grima, Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sinjorina Graziella Pullicino (A/Kap, Segretarjat UE fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru), is-Sur Tonio Mercieca (Azzjoni Nazzjonali), is-Sur Arthur Rossi (CMTU), is-Sinjorina Abigail Mamo (GRTU), is-Sur Victor Carachi (GWU), l-Inġ. Ray Muscat u s-Sur Kevin Borg (MCCEI), Dott. Paul De Battista (*Malta Employers' Association),* Dott. Joe Mifsud (PL), Dott. Frederick Azzopardi (PN), Dott. Romina Bartolo (UĦM), is-Sinjura Grace Attard, is-Sur Benjamin Rizzo, is-Sur Julian Zarb (rappreżentanti tas-soċjetà ċivili), Dott. Diane Farrugia (Segretarju), kif ukoll xi membri sostituti, membri tal-istaff tal-MEUSAC, tas-Segretarjat għall-UE fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif ukoll uffiċjali mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja u minn agenziji li jaqgħu taħt dan il-Ministeru.

**MEUSAC 26.03.2010**